KLR 35/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 24 t'April 2012 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.
SKUŻAT:- Il-membru Dr. Michael Portelli.

## 1. Talba

Intqalet it-talba u nżammet minuta silenzu b'rispett lejn il-President Emeritus Dr. Ċensu Tabone li kien ukoll ingħata Ġieħ il-Belt Victoria fl-1996. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand Maria Tabone, l-mara ta' Dr. Ċensu Tabone, fejn irringrazjat il-Kunsill Lokali tal-għajnuna sabiex il-funeral statali setgħa jittella Għawdex.

## 2. Approvazzjoni tal-minuti

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa. Is-Sinkdu ressaq korrispondenza mingħand Jonathan Vassallo li hu c-*Chairperson* tal-bord tal-għażla tal-Prioirity Axis 2 mill-Operational Programme 1 Cohesion Policy 2007 – 2013, għall-proġett sottomess mill-Kunsill (ERDF 249: Setting of an Integral, Archaeological and Historical Trial in Victoria), ġew approvati €1,305,000 (VAT inkluża). Dan huwa l-akbar ammont li qatt ħa Kunsill Lokali taħt dan il-fond Ewropew. Il-membri qablu li dan jiġi aċċettat u għaldaqstant is-Sindku se jgħarraf lil dan il-bord li, kif mitlub, lest li jiltaqa' magħħhom fil-ħmistax li ġejjin. Sadanittant ser jintbgaħtu d-dokumenti rikjesti.

## 3. *Victoria Playing Field*

Rigward il-proġett sottomess għall-*playing field* taħt ir-rural Development Programme 2007 – 2013, Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities, is-Sindku għarraf lill-membri li r-riżultat għandu joħroġ fil-ġranet li ġejjin.

## 4. Jum il-Belt Victoria 2012 – 125 anniversarju ta' dan l-avveniment

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kunċerti tal-baned ser isiru fit-2 ta'Ġunju mill-Banda La Stella u Leone Goes Pop, mill-Banda Leone, ser isir fid-9 ta' Ġunju 2012. Il-membri qablu li ssir inċiżjoni (99 kopja) li tkun turi l-Banca u kartolina kommemorattiva għal kull dar tal-Belt. Il-kunċert mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali se jkun bis-sehem tal-Chorus Urbanus u bis-sopran Yvonne Galea, Claire Massa Meżżo-sopran, Cliff Zammit Stevens Tenur u Noel Galea Baxx. Fuq proposta tas-Sindku qablu li tiġi kkummisjonata komposizzjoni ta' mużika għall-okkażjoni lil Dr John Galea. Qablu wkoll li jsir *tournament* tal-futbol ta' ġurnata bejn it-tlett timijiet Rabtin. Għandhom jingħataw dawn il-premijiet:- €1,000 l-ewwel premju u €600 u €400 għat tieni u t-tielet post rispettivament. Ser jiġu mistiedna żewġ persuni minn Nichelino, Goro u Namur għal dawn l-attivitajiet.

Rigward l-għoti ta' l-Onorefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria, il-membri qablu li wara li ntbagħtet korrispondenza lill-parroċċi u lill-kunventi fir-Rabat, għandha tintbagħat korrispondenza lill-Kurja Veskovili sabiex il-Kunsill ikun infurmat bil-qassisin u reliġjużi Rabtin li qdew/qed jaqdu dmirhom f'pajjiżi tat-tliet dinja. Sadanittant il-membri qablu li dawn huma il-presuni li ser jingħataw dan l-unur:- Dun Ġorġ Grima, Sr. Josepha Gauci, Fr. Peter Cachia, Dun Anton Grech, Dun Adeodato Schembri, Suor Marċellina Tabone, u Sr. Rina Muscat u Fr. Joseph Mizzi.

## 5. Premju Nazzjonali għal Appoġġ lil Intrapriżi

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ġie ddikjarat bħala rebbieħ fil-kategorija miftuħa għall-Kunsilli Lokali tal-kompetizzjoni 'Premijiet Nazzjonali Appoġġ lill-Intrapriża 2011'. Il-Kunsill huwa ntitolat għall-premju ta' €30,000 li jingħata f'żewġ pagamenti, 60% ingħata fis-serata tal-premjazzjoni u 40% jingħata fix-xhur ta' wara skond il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġett ippjanat għal din is-sena. Dan il-proġett ser jitkompla bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill u l-entitajiet żgħar involuti f' fiera fil-Piemonte, li se ssir bejn l-14 u s-17 ta'Settembru 2012 f'Turin. Bir-rebħ ta' dan il-premju il-Kunsill hu nominat għall-European Enterprise Promotion Awards, li l-finali tagħha ser issir fil-Greċja. Il-membri qablu li tiġi organiżżata serata li fiha jiġu rikonoxxuti l-persuni li għenu fl-attivita' tas-Serata di Gola. Din l-attivita' ser issir nhar it-Tnejn 30 ta' April 2012 fis-Centre for Culture and Arts fiċ-Ċittadella.

## 6. Triq Pompei

Il-Perit Edward Scerri u residenti minn Triq Pompei ġew mistiedna jidħlu fil-kmara. Il-Perit spjega s-sitwazzjoni taż-żamma tal-ilma tax-xita f'din it-triq. Dan ġie kkawżat minn livell ħażin tal-wiċċ tat-triq meta ingħata t-tarmac mill-Gvern Ċentrali il-fuq minn ħmistax –il sena ilu u b'hekk diversi djar qed jimtlew bl-ilma meta tgħamel ix-xita minħabba li l-katusi tal-bjut tagħhom jinsabu l-isfel mill-wiċċ tat-triq.

Il-membri qablu li titqaxxar l-ewwel parti tat-triq, fejn l-aktar li hemm problema. Hekk jinkixfu l-katusi mgħottija u l-bankini jogħlew. Dan ix-xogħol għandu jsir matul is-sajf li ġej, wara Ġunju.

**7. Patt ta' Ħbiberija Victoria - Goro**

Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie ffirmat Patt ta' Ħbiberija mal-Comune di Goro. Matul il-ġranet li s-Sindku u l-kunsillier Debrincat kienu f'Goro telgħu magħhom tim ta' tfajliet Rabtin li pparteċipaw fit-Torneo del' Delta del Po (*volleyball*). Dan kif kien maqbul fl-laqgħa KLR33 li saret fil- 5 ta' Marzu 2012.

**8. Inizjattivi Sportivi**

Wara li l-Kunsill tella delegazzajoni ta' tfajliet Rabtin biex jipparteċipaw f'*tournament* tal-*volleyball* f'Goro fl-Italia, il-membri qablu li tkun ideja tajba jekk dan it-tim jibqa' jipprattika dan l-isport. Il-membri qablu li jinxtraw *trolley* u 12 –il ballun tal-*volleyball* li l-prezz totali hu ta' €325 VAT inkluża. Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jiddiskuti mal-kowċ rigward il-kiri tal-piċċ fil-*gym* tas-Seminarju.

**9. Ktieb: Victoria – A Portrait of a City**

Il-membri qablu li biex dan il-ktieb jinkudi l-materjal kollu għandhom jiżdiedu 32 paġna f'kull ktieb. Il-prezz ser jiżdied għal €2,700 maqsuma hekk:- €1,100 spiża ta' l-istampar, €800 spiża tal-karta u €800 spiża tal-*plates*. Qablu wkoll li jiġu stampati 500 bil-lingwa Taljana u l-ispiża titla għal €1,500. Se jiġu ordnati wkoll 100 kaxxa *slip-on* għall-prezz ta'€7 –il waħda. Minħabba dawn iż-żiedet il-membri qablu li x-xogħol għandu jiltesta sat-13 ta' Ġunju 2012.

**10. Triq Dr. Ċensu Tabone**

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill Lokali għandu jibgħat lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq sabiex tissemma triq fir-Rabat għal Dr. Ċensu Tabone. Il-membri qablu ma dan.

**11. *Traffic Management* u Tisbiħ: Wied Żejta, *Area* bejn Triq il-Wied u Triq Kerċem, Triq il-Belliegħa u Wesgħa Patri Ġiaċintu Camenżuli**

<u>Wied Żejta</u>
Il-membri qablu li jitranġa ċ-ċint ta' mal-wied u titnaddaf l-*area* ta' viċin id-dar 'Mariliana' u titranġa l-parti fejn hemm il-marka VR imnaqqxa fil-ġebla.

<u>*Area* bejn Triq il-Wied u Triq Kerċem</u>
Il-membri qablu li jsir *traffic management* ta' din l-*area*. Il-pjanti tal-Perit għandhom jintbagħtu lit-Tansport Malta (TM) għall-approvazzjoni.

Il-membri qablu li titranġa l-*junction* li minnha jibdew iż-żewġ toroq Kerċem u Wied il-Lunzjata. Is-suġġeriment hu li ssir forma ta' għatba li tkun tinkudi ż-żewġ siġar eżistenti.

<u>Triq il-Belliegħa</u>
Il-membri qablu li jsir *traffic management* ta' din l-*area*. Il-pjanti tal-Perit għandhom jintbagħtu lit-Tansport Malta (TM) għall-approvazzjoni.

Wesgħa Patri Ġiaċintu Camenżuli
Il-membri qablu li jitranġa l-belvedere li kien sar mill-Kunsill f'din it-triq.

**12. Tabelli dħul u ħruġ Belt Victoria**

Il-membri qablu li jsiru tabelli mdendela f'kull daħla tar-Rabat. Fit-tabella għandu jkun hemm li l-Belt Victoria hi ġemellata mal-belt ta' Nichelino u fuq wara jkun l-istess bħal tal-bliet ta' l-Ewropa.

**13. Latrina Pubblika – Triq taħt Putirjal**

Il-membri qablu li għandu jinbeda l-proċess sabiex tinħareġ offerta biex il-latrina ta' Triq taħt Putirjal tinqala u titranġa. Din hi l-aktar latrina li tintuża u l-aħħar li tranġat kien fl-2000.

**14. Korrispondenza**

Tressqet din il-korrispondenza mingħand:-

14.1 Transport Malta (TM) fejn:-
14.1.1 inħareġ il-permess għal-*un/loading* quddiem 'Office Club', Triq it-Tabib Anton Tabone;
14.1.2 inħareġ il-permess għal *one metre single yellow line* quddiem il-garaxx ta' 'San Antonio, Triq il-Madonna tal-Ġilju;
14.1.3 inħreġ il-peremess sabiex issir *traffic mirror* fi Triq Wied il-Lunzjata;
14.1.4 minflok *ubar* biswit 50, Triq Mons. Luiġ Vella ssir *handle bar*;
14.1.5 intalbu aktar dettalji rigward permessi ġodda biex toroq jiġu nklużi f'Żona A tal-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat;
14.1.6 intalab parkeġġ riservat għal persuni b'diabilita' quddiem Maria E Żammit ta' 36, Triq Għajn Qatet. Ser timtela l-formola kif rikjesta;

14.2 id-Dipartiment għal Gvern Lokali:-
14.2.1 dwar skema Egov4u għall-Kunsill Lokali (Memo 17/2012);
1.2.2 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li rċieva €7,000 li kienu vvutati mill-iskema tal-attivitjiet kulturali 2012. Dawn għall-attivita' li saret fl-ewwel tas-sena;
14.2.3 rigward il-ħlas pendenti li l-Kunsill għandu mal-Wasteserv rigward it-*tippjing fees*. L-ammont hu ta' €43,093.58 u d-Dipartiment qed jissuġġerixxi li jekk ma hemmx oġġezzjonijiet minn naħħa tal-Kunsill u dan ma jitħallasx sa l-1 ta' Ġunju 2012, l-ammont jitnaqqas mit-*tranch* li jmiss f'Lulju 2012. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li fl-*email* hemm imniżżel li l-aħħar tlett xhur tal-2009 m'humiex imħalsa. Dan mhux minnu peress li dan l-ammont tħallas permezz ta' ċekk 7061 datat 20 t'April 2010 u l-irċevuta tal-Wasteserv datata 22 t'April 2010. Il-membri qablu li d-Dipartiment għandhu jiġi nfurmat b'dan u jiġi suġġerit li l-ammont ma jitnaqqasx f'darba iżda f'darbtejn;

14.3 MEPA dwar:-
14.3.1 PA/02184/10 fejn intbagħt id-Development Permit Application (DPA) Report fuq l-applikazzjoni tat-tibdil li hu propost li jsir fil-Banca Giuratale minn ġewwa;

14.3.2 l-applikazzjoni sabiex issir rampa għall-persuni b'diżabilita' biswit il-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-Kunsill intalab iħallas €154.56 oħra sabiex tkun tista' tibda titmexxa l-applikazzjoni. Il-membri qablu li din titħallas;

14.4 Maria Caruana rigward ilmenti li jirrigwardjaw Triq Għajn Qatet. Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-ilmenti li saru tmexxew minn naħħa tal-istaff tal-Kusnill kif isir fuq kull ilment ieħor;

14.5 il-KIP fejn il-Kunsill ġie mgħarref bil-ħwienet tal-*catering* li jħallsu sabiex jinġabrilhom l-iskart;

14.6 Joseph Borġ ta' 'Qalb ta'Ġesu'' Triq il-Kalkara tal-Ġir, Munxar, fejn talab permess sabiex ikun jista' jbiegħ il-ħut minn Pjazza San Franġisk. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan peress li trandizjonalment il-bejjiegħa tal-ħut ikunu fi Pjazza Indipendenza;

14.7 Peter Buġeja ta' 'Sweet Dreams', Triq il-Merkanti, Għajnsielem, fejn talab permess sabiex ikun jista' jbiegħ il-ħut minn Pjazza San Franġisk. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan peress li trandizjonalment il-bejjiegħa tal-ħut ikunu fi Pjazza Indipendenza;

14.8 ir-residenti ta' Sqaq numru 1 fi Triq Arċipriet Saver Cassar fejn iffirmaw petizzjoni/suġġeriment sabiex isir *bollard* fl-entratura tal-isqaq tagħhom. Dan minħabba li qed ikun hemm il-vetturi pparkjati. Dawn iffirmaw ukoll li jeżumu lill-Kunsill minn kwalunkwe responsabilita' ta' xi emerġenza li tista' tqum f'dan l-isqaq. Il-membri qablu li għandu jitpoġġa *bollard* kif sar fi sqaqien u toroq oħra dojoq;

14.9 l-Arċidjaknu tal-Katidral, Mons. Ġivanni B Gauċi fejn intalab sabiex isir dawl adekwat mal-faċċata u mal-kampnar tal-Katidral u li jkun jinxtgħel mad-dawl tat-toroq. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment għandu jgħaddi lill-Ministeru għal Għawdex;

14.10 il-Kumitat Konġunt t'Għawdex fejn tressaq ir-rapport finanzjarju għas-snin 2009, 2010 u 2011;

14.11 l-*Assistant Head* ta' l-iskola Agius De Soldanis fejn talbet għajnuna finanzjarja sabiex tkun tista' tittella *musical*. Dan ma jistax issir peress li jmur kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

## 15. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

15.1 jitnaddaf Wied Kerċem fejn il-bajjada;

15.2 jintalab il-premess tat-TM sabiex issir *double yellow line* fi Pjazza Savina mill-kantuniera ta' Triq Arċipriet Saver Cassar sal-kantuniera ta' Triq Santa Marija. Dan minħabba li qed jipparkjaw il-vetturi u min ikun ipparkjat fil-*parking bays* ma jkunx jista' joħroġ;

15.3 l-KIP tiġi mmultata fuq il-ġbir tal-iskart domestiku peress li fix-xahar ta’ Marzu 2012 l-iskammel iż-żgħir diġa’ beda’ jqattar;

15.4 it-12 steps, attivita’ li kienet issir fil-ġranet tas-sajf tal-2010 terġa’ ssir ħames darbiet u tiġi addatata għall-avveniment ta’ meta r-Rabat ingħata l-istatus ta’ belt mir-Reġina Victoria. Il-membri qablu u l-ispejjes huma ta’ €6,805 li jinkludi tlett kostumi ġodda, l-organiżazzjoni, ko-ordinament, reġista, ħlas lill-atturi, dwal, il-ħames repliki tal-attivita u l-loġistika;

15.5 t-Taqsima tal-Kultura u l-Knisja ta’ San Ġakbu jiġu nfurmati sabiex meta tkun il-festa tad-Duluri m’hemmx il-bżonn li Pjazza Indipendenza tiġi żarmata minn kull attivita’ minn kmieni filgħodu. Dan kif sar din is-sena fejn l-armar għall-quddiesa tas-18.00 ma bediex isir qabel nofs in-nhar;

154.6 titranġa l-bankina u r-rampa ta’ quddiem ‘Fred Jane’ fi Triq Ġuże’ Micallef;

15.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li bl-intervent tal-Ministru Aurstin Gatt il-bankini l-ġodda li ser isiru fi Triq Repubblika li jaqgħu taħt il-proġett tat-Ten-T ser isiru kollha bil-porfido u mhux tas-*cement*. Dwar dan il-proġett, il-Kunsill irċieva email mit-TM fejn ġie mgħarraf li mill-Ħamis 26 ta’ April 2012 sa nofs Mejju 2012, Triq Repubblika minn Trejqet l-Exchange sa Pjazza J. F. Kennedy se tkun mgħaluqa minħabba x-xogħol tal-bini tat-triq. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal din il-miżura minħabba li s-settur tan-negozju se jiġi affetwat negattivament għal tul ta’ żmien.

15.8 Is-Seg. Eżekuttiv għarfet lill-membri li l-Kunnsill għandu l-permess tas-sidien tad-dajr fejn hemm dawn in-niċċeċ:- tal-Kunċizzjoni fi Pjazetta fuq it-Tomba, ta’ San Franġisk fi Triq Repubblika, ta’ Santa Marija fi Triq Santa Marija, tal-Madonna tal-Providenza fi Triq Sant’ Ursola, tad-Duluri fi Triq Karita’ u tal-Kunċizzjoni fi pjazza Savina. Si San Ġorġ tal-Ħaġar fi Triq Enriko Mizzi għadu ma ffirmax.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00. Laqgħa oħra ser issir sine die.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzoaprdi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |